MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta ta' l-1 ta' Lulju, 2013

Rikors Numru. 1083/2012

Frances *sive* Franca **CAMILLERI**

vs

**DIRETTUR, QRATI U TRIBUNALI TA' MALTA** fil-kwalita' tiegħu ta' Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali, Malta; u Direttur, Qrati u Tribunali ta' Għawdex fil-kwalita' tiegħu ta' Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali, Għawdex

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors imressaq fid-29 ta' Ottubru, 2012, li bih u għar-raġunijiet hemm imsemmija, ir-rikorrenti talbet illi l-Qorti tħassar u tibdel it-taxxa tal-ispejjeż ġudizzjarji maħruġa mill-intimati fl-atti tal-kawża numru 88/06PC fl-ismijiet "*Anthony Paċe vs Frances sive Franca Camilleri*" maqtugħa mill-Qorti tal-Appell fit-3 ta' Frar, 2012,

minħabba li nħadmet ħażin bi ksur tad-dispożizzjonijiet tal-liġi;

Rat it-tweġiba mressqa mill-intimat Direttur Qrati Ċivili u Tribunali (Malta) fl-24 ta' Diċembru, 2012, li biha laqa' għat-talba tar-rikorrenti billi qal li jekk kemm-il darba huwa minnu li t-taxxa trid tinħadem mill-ġdid m'għandux ibati spejjeż għaliex l-azzjoni tressqet qabel waqtha billi huwa dejjem ikun dispost li jiddiskuti mal-parti milquta dwar il-mod li messha nħadmet it-taxxa bla ma jkun meħtieġ li tinfetaħ kawża. Żied jgħid li r-rikorrent ma kenitx qiegħda tgħid sewwa li ladarba l-kawża reġgħet intbagħtet (mill-Qorti tal-Appell) biex tinstama' mill-Qorti ta' Għawdex, dan se' jfisser li d-drittijiet tal-kawża se' jkunu intaxxati darbtejn *ad valorem*: issa, meta tinħareġ taxxa finali se tkun dwar punt ta' dritt biss, ladarba t-taxxa *ad valorem* saret diġa. Temm jgħid li, f'kull każ, joqgħod fuq dak li jogħġobha tiddeċiedi l-Qorti;

Rat li l-intimat l-ieħor ma ressaqx tweġiba, minkejja n-notifika lilu tal-atti tar-Rikors;

Rat in-Nota mressqa mir-rikorrent fil-15 ta' Marzu, 2013, li magħha hemżet kopja tal-atti tal-kawża li fuqhom inħarġet it-taxxa impunjata;

Rat id-degriet tagħha tas-16 ta' April, 2013[1], li bih tat żmien lid-Direttur intimat biex jgħid jekk kemm-il darba kellux provi x'iressaq min-naħa tiegħu;

Rat li l-intimat ma ressaq l-ebda nota;

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukat tar-rikorrenti;

Rat l-atti kollha tar-Rikors;

Rat id-degriet tagħha tal-14 ta' Mejju, 2013, li bih tat żmien lid-Direttur intimat biex iressaq is-sottomissjonijiet tiegħu bil-miktub u ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza;

---

[1] Paġ. 255 tal-proċess

Rat li l-intimat ma ressaq l-ebda sottomissjoni saż-żmien lilu mogħti;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni għal ritassa skond ma jipprovdi l-artikolu 64 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Ir-rikorrent tgħid li taxxa maħruġa wara l-għoti ta' sentenza *in parte* nħadmet ħażin għaliex inħadmet skond il-valur meta s-sentenza li ngħatat kienet dwar punt ta' dritt. B'sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell, is-sentenza *in parte* tħassret u l-appell imressaq minnha milqugħ u ordnat li l-kawża terġa' tintbagħat quddiem l-ewwel Qorti biex tinstama' fil-mertu. Ir-rikorrent tgħid li t-taxxa kellha tinħadem fuq punt ta' dritt u mhux skond il-valur tal-kawża, iżjed u iżjed li l-atti reġgħu ntbagħtu lura lill-ewwel Qorti li sejra tiddeċiedi dwar il-mertu u, fejn trid tinħareġ taxxa oħra wara li tintemm dik il-kawża, liema proċess ta' intaxxar se' jkun sar darbtejn fuq bażi ta' valur;

Illi miż-żewġ Diretturi intimati, wieħed biss minnhom wieġeb għat-talba tar-rikorrenti. Dan qal li jekk kemm-il darba huwa minnu li t-taxxa trid tinħadem mill-ġdid m'għandux ibati spejjeż għaliex l-azzjoni tressqet qabel waqtha billi huwa dejjem ikun dispost li jiddiskuti mal-parti milquta dwar il-mod li messha nħadmet it-taxxa bla ma jkun meħtieġ li tinfetaħ kawża. Żied jgħid li r-rikorrent ma kenitx qiegħda tgħid sewwa li ladarba l-kawża reġgħet intbagħtet (mill-Qorti tal-Appell) biex tinstama' mill-Qorti ta' Għawdex, dan se' jfisser li d-drittijiet tal-kawża se' jkunu intaxxati darbtejn *ad valorem*: issa, meta tinħareġ taxxa finali se tkun dwar punt ta' dritt biss, ladarba t-taxxa *ad valorem* saret diġa. Temm jgħid li, f'kull każ, joqgħod fuq dak li jogħġobha tiddeċiedi l-Qorti;

Illi mill-<u>fatti ewlenin li jirriżultaw mill-atti tal-każ</u>, ħareġ li fl-14 ta' Awissu, 2006, Anthony Paċe fetaħ kawża kontra r-rikorrenti quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) fil-

Ġurisdizzjoni Superjuri tagħha Taqsima Ġenerali bi biha hu xliha li qarrqet bih biex jagħtiha (flimkien ma' ommu)[2] prokura ħalli tmexxi ħwejġu u li bis-saħħa ta' dak il-mandat wettqet affarijiet minn wara dahru li tagħhom baqgħet ma tatux rendikont. Talab lil dik il-Qorti (i) tiddikjara li l-prokura li saret f'Settembru tal-1991 ma tgħoddx; (ii) tħassar kull għamil li sar mill-imħarrka bis-saħħa tal-imsemmija prokura[3]; (iii) tordna lill-imħarrka tagħtih rendikont ta' kulma għamlet bis-saħħa tal-imsemmija prokura fiż-żmien perentorju li l-istess Qorti jogħġobha tiffissalha; u (iv) f'każ li ma tintlaqax it-tieni talba[4], tordna lill-imħarrka biex trodd lura l-flus li l-istess imħarrka daħħlet u żammet għandha fl-imsemmija drabi li nqdiet bil-prokura dwar ħwejjeġ l-attur;

Illi għall-imsemmija azzjoni, r-rikorrrenti laqgħet[5], b'mod preliminari, billi qalet li Paċe ma setax jgħaqqad aktar minn kawża waħda flimkien u għalhekk huwa għandu jagħżel liema azzjoni jrid imexxi 'l quddiem. Fil-mertu, laqgħet billi warrbet ix-xiljiet li għamlilha l-attur Paċe;

Illi b'sentenza mogħtija fis-26 ta' Marzu, 2009[6], il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Superjuri, Taqsima Ġenerali laqgħet l-ewwel eċċezzjoni tal-imħarrka, sabet li l-azzjoni attriċi kienet nulla u ħelset lill-istess imħarrka milli tibqa' aktar fil-kawża, bi spejjeż għall-attur Paċe;

Illi l-attur Anthony Paċe appella minn dik is-sentenza fit-13 ta' April, 2009[7], għal quddiem il-Qorti tal-Appell. Ir-rikorrenti appellata wieġbet għar-rikors tal-appell bi tweġiba mressqa fl-4 ta' Mejju, 2009[8];

Illi fit-2 ta' Ġunju, 2009[9], l-intimat Direttur Qrati u Tribunali (Għawdex) ħareġ taxxa ġudizzjarja tal-kawża maqtugħa mill-ewwel Qorti;

---

2 Dok "A", f'paġ. 18 tal-proċess
3 Din it-talba ċediha b'nota mressqa fid-9.1.2009 (ara paġ. 189 tal-proċess)
4 Din it-talba nbidlet ukoll minħabba ċ-ċessjoni tat-tieni talba
5 Ara paġ. 34 tal-proċess
6 Ara paġġ. 204 – 211 tal-proċess
7 Ara paġġ. 215 – 224 tal-proċess
8 Ara paġġ. 226 – 8 tal-proċess
9 Ara paġ. 213 tal-proċess

Illi fit-3 ta’ Frar, 2012[10], il-Qorti tal-Appell tat sentenza li biha laqgħet l-appell ta’ Paċe, ħassret is-sentenza tal-ewwel Qorti u reġgħet bagħtet l-atti lura lil dik il-Qorti. Dik il-Qorti ordnat ukoll li “l-ispejjeż kollha ta’ dan l-episodju għandha tħallashom il-konvenuta” (ir-rikorrenti tal-lum);

Illi fil-21 ta’ Frar, 2012[11], l-intimat Direttur Qrati Ċivili u Tribunali ħareġ it-taxxa ġudizzjarja wara l-għoti tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell. B’ittra uffiċjali tad-19 ta’ Ġunju, 2012[12], Anthony Paċe interpella lir-rikorrenti, fost ħwejjeġ oħrajn, biex tħallsu s-somma ta’ erbat elef u disa’ mitt euro u sittin ċenteżmi (€ 4,900.60) bħala spejjeż taxxati b’rabta mas-sentenza msemmija;

Illi r-rikorrenti laqgħet in-notifika tal-imsemmi att ġudizzjarju fl-1 ta’ Ottubru, 2012[13], u fetħet din il-kawża fid-29 ta’ Ottubru;

Illi għal dak li jirrigwarda l-<u>konsiderazzjonijiet ta’ natura legali</u> marbuta ma’ dan il-każ għandu jingħad li ma hemm l-ebda dubju li l-azzjoni mressqa mir-rikorrenti hija dik maħsuba fl-artikolu 64 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta’ Malta. Dan joħroġ kemm mill-fatt li l-att promotur huwa Rikors (mhux maħluf) u wkoll mill-premessi tal-istess, biex ma jingħadx ukoll li tressaq fi żmien ta’ anqas minn xahar minn meta r-rikorrenti laqgħet in-notifika tal-att ġudizzjarju li biha Anthony Paċe interpellaha biex tħallsu l-ispejjeż ġudizzjarji taxxati;

Illi għalkemm ir-rikorrenti ntalbet tħallas fuq il-bażi ta’ taxxa maħruġa fi Frar tal-2012 (jiġifieri wara li ngħatat is-sentenza mill-Qorti tal-Appell), jidher li t-talba tar-rikorrenti f’din il-kawża tirrigwarda wkoll it-taxxa ġudizzjarja maħruġa mir-Reġistratur tal-Qorti ta’ Għawdex f’Ġunju tal-2009. It-talba fir-Rikors promotur titkellem dwar “taxxi rilaxxati” u mhux biss dwar it-taxxa li kienet mehmuża mal-att ġudizzjarju mibgħut lir-rikorrenti minn Paċe. Tifsira ta’ dan hija mistħoqqa. Jidher li t-taxxa maħruġa wara s-sentenza tal-Qorti tal-Appell tinbena fuq dik li

[10] Ara paġġ. 237 – 241 tal-proċess
[11] Dok “A” f’paġ. 6 tal-proċess
[12] Ara Dok “A” f’paġ. 3 tal-proċess
[13] Ara paġ. 5 tal-proċess

kienet inħarġet mir-Reġistratur tal-ewwel Qorti wara li kienet ingħatat is-sentenza fuq l-eċċezzjoni preliminari u fiż-żmien li minn dik is-sentenza kien tressaq appell minn Paċe. Ma jidhirx li r-rikorrenti kienet intalbet tħallas spejjeż taħt l-ewwel taxxa, sewwasew għaliex l-ewwel sentenza kienet laqgħet l-eċċezzjoni tagħha u waħħlet l-ispejjeż kollha lill-attur Paċe. Mela kien biss wara li l-Qorti tal-Appell laqgħet l-appell ta' Paċe u għabbiet lir-rikorrenti (l-appellata f'dik l-istanza) bil-ħlas tal-ispejjeż li tnissel l-interess tar-rikorrenti li tattakka t-taxxi. U kien biss minn dak inhar tal-intima lilha bl-att ġudizzjarju li beda għaddej iż-żmien utli biex hija tattakkaha[14]. U biex tattakka t-taxxa maħruġa wara s-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell ma tistax ma tattakkax ukoll it-taxxa ġudizzjarja li fuqha nbniet din it-tieni taxxa;

Illi minn dak li ħareġ mill-atti ta' din il-kawża, jidher li n-natura nnifisha tal-azzjoni miftuħa minn Anthony Paċe kontra r-rikorrenti quddiem il-Qorti ta' Għawdex kienet waħda li tqieset bħala ta' "valur tat-talba li ma jkunx ċert jew likwidu"[15]. Dan jidher rifless ukoll mit-talba magħmula mir-reġistratur mal-ftuħ tal-kawża[16] fejn id-dritt tar-reġistru mitlub (Lm 250)[17] jaqbel ma' dik it-tariffa f'dik l-għamla ta' kawżi. Minbarra dan, sa dak inhar li ngħatat l-ewwel sentenza (minkejja li dik il-Qorti kienet ħatret Assistent Ġudizzjarju biex jiġbor il-provi tal-partijiet ukoll dwar il-mertu), il-kwestjoni mistħarrġa mill-Qorti tal-Maġistrati kienet tirrigwarda biss il-kwestjoni mqanqla mill-ewwel eċċezzjoni tar-rikorrenti (mħarrka f'dik il-kawża) dwar is-siwi tal-azzjoni tal-attur Paċe minħabba kumulu ta' azzjonijiet. Is-sentenza li ngħatat kienet marbuta ma' w ittrattat biss dik l-eċċezzjoni. Dwar dan ukoll kienet is-sentenza maqtugħa mill-Qorti tal-Appell u li bis-saħħa tagħha Paċe interpella lir-rikorrenti tal-lum tħallsu l-ispejjeż ġudizzjarji marbuta mal-imsemmi episodju, kif ordnat l-istess Qorti tal-Appell;

---

14 Art. 64(1) tal-Kap 12
15 Par. 4(1) tat-Tariffa "A" tal-Iskeda A tal-Kap 12
16 Ara paġ. 14 tal-proċess
17 Li jġibu € 582.34 fi flus tal-lum

Illi fid-dritt huwa stabilit li t-tassazzjoni tad-drittijiet ġudizzjarji hija mħarsa mill-prinċipju li wieħed iħares lejn it-talba li tkun saret jew mis-sentenza li tkun ingħatat meta s-somma m'hijiex determinabbli mit-talba. Bil-kelma "talba" wieħed jifhem il-qofol tal-kwestjoni mqanqla bil-proċess ġudizzjarju, u mhux sempliċement it-talba kif formulata fl-att promotur tal-azzjoni. Tali prinċipju m'huwiex wieħed inflessibbli għaliex huwa kwalifikat bil-prinċipju li t-tassazzjoni tista' tinstilet minn dak li f'kawża jissejjaħ "*il complesso del tema contenzioso*" minn fejn wieħed jista' jsib xi jkun tassew il-valur tal-kontestazzjoni[18];

Illi mill-prattika li ilha mwaqqfa għal żmien twil, t-tassazzjoni "*ad valorem*" hija ibbażata fuq talbiet li jwasslu għall-passaġġ ta' flus jew fondi jew għat-trasferiment ta' proprjeta' jew jeddijiet marbutin ma' dan[19]. Meta kawża ma taqax f'kategorija bħal dawn li għadhom kemm issemmew, it-tassazzjoni ġeneralment issir a bażi ta' dikjarazzjoni;

Illi huwa minnu li bħala prinċipju stabilit, il-valur ta' kawża jitqies fuq it-talbiet u mhux fuq l-interess effettiv tal-atturi[20], għalkemm l-interess ġuridiku ta' parti f'kawża huwa x'aktarx determinanti biex wieħed jasal biex jistabilixxi t-taxxa tkunx "*ad valorem*" jew dikjarazzjoni[21];

Illi ta' min jgħid ukoll li t-Tariffa li tiggwida l-likwidazzjoni ta' dritt dovut lil avukat f'kawża li fiha tkun ingħatat deċiżjoni dwar punt ta' dritt jew ta' fatt, tgħid li dik id-deċiżjoni tiġi intaxxata *ad valorem* jekk kemm-il darba "jkollha x'taqsam ma' valur determinat jew determinabbli skond il-liġi **jew mill-proċess**" [22](enfasi tal-Qorti). Fil-fehma tal-Qorti, dan ifisser ukoll li l-valorizzazzjoni tal-azzjoni tista' ssir mhux biss mill-att promotur, imma minn kull tagħrif jew prova li tinsab fl-atti;

[18] P.A. **24.7.1946** fil-kawża fl-ismijiet ***Micallef et vs Micallef et*** (Kollez. Vol: XXXII.**ii.424**)
[19] Ara, per eżempju, P.A. **22.2.1967** fil-kawża fl-ismijiet ***Borġ Grech et vs Buħaġiar noe et*** (Kollez. Vol: **LI.ii.811**)
[20] Ara App. Ċiv. **7.10.1960** fil-kawża fl-ismijiet ***Ellul Bonniċi vs Buħaġiar noe et*** (Kollez. Vol: **XLIV.i.243**)
[21] P.A. **20.6.1963** fil-kawża fl-ismijiet ***Camilleri et vs Buħaġiar noe et*** (Kollez. Vol: **XLVII.ii.880**)
[22] Par. 14, Tariffa "E" tal-Ewwel Skeda tal-Kap 12

Illi minbarra dan, ġie deċiż li f'każ fejn kawża tirrigwarda t-tħassir ta' kuntratt minħabba xi ċirkostanza li ġġibu ma jiswiex jew minħabba xi ċirkostanza fejn, għalkemm il-kuntratt jiswa, jista' jitħassar (kawżali ta' rexissjoni) wieħed irid iħares lejn il-persuna li tressaq il-kawża: b'dan illi jekk l-azzjoni ssir minn wieħed mill-partijiet li deher fuq il-kuntratt, it-tassazzjoni bħala regola ssir "*ad valorem*", filwaqt li fejn l-azzjoni għat-tħassir jew nullita' ssir minn terza persuna li jkollha interess, it-tassazzjoni ssir bħala sempliċi "artikolu" jew dikjarazzjoni[23];

Illi t-tassazzjoni tad-drittijiet (kemm tar-Reġistru u kif ukoll tal-avukati tal-partijiet) hija mansjoni tar-Reġistratur u mhux tal-Qorti[24] u dan id-dmir li l-liġi tqiegħed fuq spallejh jitfa' fuqu responsabbilta' li jimxi kif titlob il-liġi, b'dan li jekk kemm-il darba jintebaħ li jkun intaxxa b'mod ħażin, ma hemm xejn x'iżommu milli jibdel minn rajh ukoll taxxa maħruġa ħażin (jiġifieri mhux b'ħarsien ta' dak li trid il-liġi) b'oħra magħmula kif imiss bla ma joqgħod jistenna li tkun xi Qorti li tordnalu b'sentenza li jagħmel dak li messu sar mill-ewwel[25];

Illi jidher li wieħed ma jridx jinsa wkoll dak li tipprovdi l-liġi fl-artikoli 747(1)(ċ), 748 u 766 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, biex wieħed jagħraf kif imissu jirregola ruħu f'dan ir-rigward;

Illi meta wieħed iqis il-prinċipji hawn fuq imfissrin u japplikahom għall-każ li għandha quddiemha l-Qorti llum, wieħed għandu jasal għall-fehma li l-ilment tar-rikorrenti dwar it-taxxa tal-ispejjeż ġudizzjarji huma mistħoqqa. Dan jingħad għaliex l-ebda parti mill-vertenza studjata jew eżaminata fl-imsemmija sentenzi ma kienet tirrigwarda l-passaġġ ta' flus jew trasferiment ta' ġid immobbli u wisq anqas kunsiderazzjoni li ġġib magħha qies jew valur. Il-kwestjoni mistħarrġa kienet biss dwar is-siwi ta' att ġudizzjarju (ir-Rikors Maħluf) u dwar jekk il-kawża saritx sewwa. Fl-istadju tal-appell, il-qofol tal-kontenzjoni ma

[23] App. Ċiv. **15.3.1948** fil-kawża fl-ismijiet ***Camilleri et vs Vella noe*** (Kollez.Vol: **XXXIII.i.235**)
[24] P.A. **23.2.1960** fil-kawża fl-ismijiet ***Borġ vs Salomone*** (Kollez. Vol: **XLIV.ii.536**)
[25] App. Ċiv. **29.5.1998** fil-kawża fl-ismijiet ***Aldo Laferla et vs Francis Scicluna et*** (mhix pubblikata) u P.A. LFS **30.1.2008** fil-kawża fl-ismijiet ***Kummissarju tal-Pulizija et vs Reġistratur tal-Qorti et*** (imħassra mill-Qorti tal-Appell b'sentenza tas-**7.5.2010**, iżda mhux dwar dan il-punt).

nbidel xejn minn dak li kien il-punt ewlieni dibattut mill-Qorti tal-Ewwel Grad. Kemm hu hekk l-istess Qorti tal-Appell reġgħet bagħtet l-atti lura lill-ewwel Qorti biex tiddeċiedi dwar il-mertu tal-kwestjoni għaliex dan l-istadju ma kien għadu ntlaħaq qatt sa dakinhar;

Illi minn dan kollu l-Qorti tasal għall-fehma li l-ilment tar-rikorrenti huwa mistħoqq u t-taxxi maħruġa messhom inħadmu fuq il-kriterju tal-punt ta' dritt u mhux *ad valorem*;

Illi għar-rigward tal-**ewwel eċċezzjoni** mqanqla mid-Direttur intimat, il-Qorti tasal biex tgħid li din l-eċċezzjoni m'hijiex tajba. Jekk wieħed iqis iż-żmien tassew qasir mogħti mil-liġi lil min irid jikkontesta taxxa ta' spejjeż ġudizzjarji, wieħed malajr jintebaħ li t-tressiq tar-rikors huwa proċedura ta' ċerta urġenza li ma tippermettix it-teħid ta' ħafna żmien f'diskussjonijiet biex tiġi aġġustata taxxa diġa' maħruġa u ċirkolata. Fit-tieni lok, hija biss bis-saħħa tal-proċedura preżenti li taxxa maħruġa mill-intimat tista', b'ordni tal-Qorti, tiġi mħassra u l-kriterji tar-ritassa stabiliti: ma jidhirx li huwa għaqli u rakkomandat li jingħad li r-Reġistratur tal-Qrati, ladarba jkun ħareġ taxxa ta' spejjeż ġudizzjarji, għandu "jinnegozja" ma' xi parti dwar il-valur tal-kawża jew aspetti oħra relatati. Il-kriterji li għandhom imexxu lir-Reġistratur fit-tfassil u l-ħruġ ta' taxxa huma dawk stabliti fil-liġi u mhux dawk li l-partijiet iħossuhom komdi bihom. Ladarba l-intimati, minn rajhom, ma qisux in-natura vera tal-kwestjoni dibattuta, r-rikorrenti ma kellha l-ebda għażla oħra għajr dik li tmexxi l-kawża tagħha bl-akbar ħeffa;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda tiddeċiedi billi:

**Tilqa' l-ewwel talba tar-rikorrenti** u tiddikjara li t-taxxi tal-ispejjeż ġudizzjarji relattivament għall-kawża fl-ismijiet "*Anthony Pace vs Frances sive Franca Camilleri*" (Rik. Nru. 88/06PC) maqtugħa mill-Qorti tal-Appell fit-3 ta' Frar, 2012, m'humiex maħduma kif imiss safejn inħarġu *ad valorem* u qiegħda tħassarhom u tordna lill-intimati biex joħorġu t-taxxi relativi fuq il-bażi tal-"punt tad-dritt"; u

**Taqta’** li l-**ispejjeż** in konnessjoni ma’ din il-kwestjoni jitħallsu mill-intimati.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------